MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 275/2004

**Perit Arkitett Rene Buttigieg**

**Vs**

**Gozo Channel Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm181.75c) jew somma ohra verjuri li ma teccedix is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u dan rapprezentanti danni minnu subiti fil-karozza FIAT EAL 263 f'incident li sehh meta l-attur kien qieghed bil-karozza tieghu fuq l-MV Calypso sejjer lejn Ghawdex fis-17 ta' Jannar, 2003.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi ghalkemm ammettiet ir-responsabbilta' ghall-incident ikkontestat id-danni billi allegat li dawn ma kienux jeccedu

s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100), liema somma kienet gja' minnha offruta lill-attur u michuda minnu.

Ra l-Affidavit ta' l-attur u d-dokumenti esebiti.

Ra l-Affidavit ta' Paul Azzopardi.

Ra r-Relazzjoni tal-Perit Tekniku Joseph Buttigieg nominat mit-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur issubixxa hsara fil-vettura tieghu FIAT EAL 263 waqt li din kienet abbord l-MV Calypso f'Jannar 2003. L-attur jikkontendi fit-talba tieghu li l-ispiza sabiex tigi rriparata l-vettura tieghu tilhaq is-somma ta' mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm166.75c) flimkien ma' hmistax-il lira Maltin (Lm15) *surveyors fees and expenses*.

Stante illi gie kkontestat il-quantum, it-Tribunal hass il-htiega li jigi nominat Espert Tekniku in materja u l-Espert Tekniku wasal ghall-konkluzjoni illi biex tigi rriparata l-vettura ta' l-attur jinhtieg spiza ta' mitejn lira Maltin (Lm200) u inoltre zied jghid illi l-*pre-accident value* tal-vettura huwa ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150).

Tenut kont tal-premess it-Tribunal jidhirlu illi bejn l-ammont sabiex tigi rriparata l-karozza mitlub mill-attur ta' mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm166.75c) u l-*pre-accident value* tal-karozza ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) hija minima, t-talba kif dedotta mill-attur ghandha tigi akkolta u dan partikolarment billi f'kull kaz il-valur ta' riparazzjoni tal-vettura kif stmat mill-Perit Tekniku jeccedi l-ammont tat-talba.

Illi ghalhekk l-attur kien gustifikat li jirrifjuta l-offerta li saret mis-socjeta' konvenuta ta' mitt lira Maltin (Lm100) li saritlu ghas-saldu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ta’ l-attur u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm181.75c) bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------